KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fis-6 ta' Marzu 2008 [1]

1. Dawn il-kawżi għandhom bħala suġġett l-appelli mressqa mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll minn Glunz AG u OSB Deutschland GmbH [2] kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-1 ta' Diċembru 2004, Kronofrance vs Il-Kummissjoni [3]. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Lulju 2001, dwar għajnuna mill-Istat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet qed tippjana li tagħti lill-impriża Glunz [4]. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kkunsidrat, fit-tmiem tal-eżami preliminari previst fl-Artikolu 88(3) KE, li l-miżura kkontestata kienet tikkostitwixxi għajnuna kompatibbli mas-suq komuni u li għaldaqstant ma kienx hemm lok li jitqajmu oġġezzjonijiet kontra l-għoti tagħha.

2. Dawn l-appelli jqajmu, essenzjalment, żewġ problemi legali.

3. L-ewwel problema hija marbuta mal-portata tad-drittijiet rikonoxxuti lill-"partijiet interessati" fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna mill-ġdid biex teżamina l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà applikabbli għar-rikorsi għal annullament kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 88(3) KE.

4. It-tieni problema tirrigwarda l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-qafas multisettorjali għal għajnuna reġjonali għall-proġetti kbar ta' investiment adottat mill-Kummissjoni f'komunikazzjoni tas-7 ta' April 1998 [5]. Dan il-qafas jistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu ta' "l-intensità massima ammissibbli" applikabbli għall-għajnuna reġjonali mogħtija għall-investiment. F'dan ir-rigward, huwa jipprovdi diversi kriterji ta' evalwazzjoni, fosthom element rigward l-istat tal-kompetizzjoni fis-suq. Huwa l-mod kif dan l-element ġie kkalkolat mill-Kummissjoni li huwa inkwistjoni f'dawn il-kawżi. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza qabżitx il-limiti tal-kompetenza tagħha billi stħarrġet l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu ta' dan il-fatt, u jekk, f'kull każ, wettqitx żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tar-regoli stabbiliti bl-imsemmi qafas.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Iktar 'il quddiem rispettivament "Glunz" u "OSB".

3 — T-27/02, Ġabra p. II-4177, iktar 'il quddiem is-"sentenza kkontestata".

4 — ĠU C 333, p. 7, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata". It-test tad-deċiżjoni indirizzata lill-awtoritajiet Ġermaniżi hija disponibbli fil-lingwa awtentika, jiġifieri l-Ġermaniz fuq is-sit http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2000/n517-00.pdf.

5 — ĠU C 107, p. 7, iktar 'il-quddiem il-"qafas multisettorjali".

5. F'dawn il-konklużjonijiet, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dawn l-appelli.

6. Qabel kollox, jiena nsostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqet l-ebda żball ta' liġi fil-kuntest tal-eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors imressaq minn Kronofrance SA [6]. F'dan ir-rigward, jien nosserva li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat korrettament il-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fis-sentenzi Cook vs Il-Kummissjoni [7] kif ukoll Matra vs Il-Kummissjoni [8] u li wara hija kkonfermat fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum [9].

7. Imbagħad, jiena ser nuri għalfejn, filfehma tiegħi, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet twettaq stħarriġ sħiħ tal-evalwazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fir-rigward talmetodu ta' kalkolu tal-intensità massima ammissibbli tal-għajnuna.

8. Fl-aħħar nett, jiena ser nesponi r-raġunijiet għalfejn il-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-opinjoni tiegħi, ikkunsidrat ġustament li l-kalkolu tal-element li jikkonċerna l-istat talkompetizzjoni kien jeżiġi l-kunsiderazzjoni mhux biss tal-kapaċitajiet strutturali tas-suq, iżda wkoll tal-eżistenza ta' reċessjoni talimsemmi suq.

I — Il-kuntest ġuridiku Komunitarju

9. Qabel kollox, ser nippreżenta l-artikoli rilevanti tat-Trattat KE qabel ma nippreċiża d-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 [10] kif ukoll il-linji gwida stabbiliti mill-qafas multisettorjali.

A — *It-Trattat*

10. Skont l-Artikolu 87 KE, l-għajnuna mill-Istati Membri jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, taħt kwalunkwe forma, li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni intrakomunitarja, hija s-suġġett ta' projbizzjoni bħala regola ġenerali, li hija pprovduta fid-derogi elenkati fl-Artikolu 87(2) u (3) KE.

11. L-Artikolu 87(2) KE jelenka t-tipi ta' għajnuna li huma kompatibbli mas-suq komuni. Dawn huma l-għajnuna ta' natura soċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali, taħt il-kundizzjoni li jingħataw bla diskriminazzjoni marbuta mal-oriġini tal-prodotti, l-għajnuna mogħtija biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew avvenimenti straordinarji oħra kif

6 — Iktar 'il-quddiem "Kronofrance".

7 — Sentenza tad-19 ta' Mejju 1993 (C-198/91, Ġabra p. I-2487).

8 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1993 (C-225/91, Ġabra p. I-3203).

9 — C-78/03 P, Ġabra p. I-10737.

10 — Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] (ĠU L 83, p. 1).

ukoll l-għajnuna mogħtija lil ċerti reġjuni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja sabiex tagħmel tajjeb għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati mid-diviżjoni tat-territorju ta' dan l-Istat Membru.

12. L-Artikolu 87(3) jippreċiża, min-naħa tiegħu, l-għajnuna li tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni. Fosthom tinsab l-għajnuna intiża sabiex tiffavorixxi l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni fejn ikun hemm stat serju ta' nuqqas ta' impieg.

13. Sabiex tiġi assigurata l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu, it-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 88 KE tiegħu, jistabbilixxi proċedura ta' sħarriġ kif ukoll ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-għajnuna mill-Istat, li r-rwol ċentrali tagħha ġie mogħti lill-Kummissjoni.

14. B'dan il-mod, l-Artikolu 88(2) KE jattribwixxi lill-Kummissjoni l-kompitu li tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna mal-Artikolu 87 KE. Skont l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni "[j]ekk, wara li ssejjaħ lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni ssib li miżura ta' għajnuna mogħtija minn Stat, jew permezz tar-riżorsi ta' Stat, m'hijiex kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87, jew li dik l-għajnuna tkun applikata b'mod inġust, hija għandha tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-Istat interessat li jabolixxi dik l-għajnuna jew li jimmodifikaha fit-terminu preskritti mill-Kummissjoni".

15. L-Artikolu 88(3) KE jimponi, min-naħa tiegħu, fuq l-Istati Membri l-obbligu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proġetti tagħhom li jistabbilixxu jew jimmodifikaw għajnuna u jipprojbihom milli jimplementaw tali proġetti qabel ma l-Kummissjoni tasal għal deċiżjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) KE.

16. B'hekk, kif ser nosserva fil-kuntest tal-analiżi tiegħi, il-proċedura ta' eżami prevista fl-Artikolu 88 KE tinkludi żewġ fażijiet, jiġifieri, eżami preliminari tal-miżura ppjanata, u jekk ikun il-każ, jekk il-Kummissjoni jkollha dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni, eżami iktar dettaljat, intiż sabiex ikollha informazzjoni kompleta dwar id-data kollha tal-kawża [11]. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 88(2) KE, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-partijiet jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

17. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 89 KE jippermetti lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta leġiżlazzjoni għall-finijiet ta' lapplikazzjoni tal-Artikoli 87 KE u 88 KE. Bis-saħħa ta' din l-awtorizzazzjoni, il-Kunsill adotta r-Regolament Nru 659/1999.

11 — Ara, b'mod partikolari s-sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punti 36 u 38).

B — *Ir-Regolament Nru 659/1999*

18. Ir-Regolament Nru 659/1999 ikkodifika l-prassi tal-Kummissjoni tas-setgħat mogħtija lilha permezz tal-Artikolu 88 KE. Huwa jistabbilixxi regoli preċiżi li ġew imfassla b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [12].

19. B'dan il-mod, l-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999 jadotta, f'termini kważi identiċi, id-definizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat tal-kunċett ta' "parti interessata", kunċett li, nerġa' nfakkar, huwa fil-qalba tal-kawżi preżenti. Fis-sentenza tal-14 ta' Novembru 1984, Intermills vs Il-Kummissjoni [13], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-partijiet interessati huma l-persuni, l-impriżi, jew l-assoċjazzjonijiet li l-interessi tagħhom huma eventwalment affettwati mill-għoti ta' għajnuna, jiġifieri, b'mod partikolari, l-impriżi kompetituri u l-organizzazzjonijiet professjonali [14]. L-Artikolu 1(h) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-kunċett ta' "parti interessata" bħala "kull Stat Membru u kull persuna, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu affettwati bl-għoti ta' għajnuna, b'mod partikolari l-benefiċjarju ta' l-għajnuna, impriżi li jikkompetu bejniethom u assoċjazzjonijiet [professjonali]".

20. L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jirrigwarda l-eżami preliminari li l-Kummissjoni għandha twettaq meta Stat Membru jinnotifikaha bi proġett intiż sabiex jintroduċi jew jimmodifika għajnuna.

21. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta tliet tipi ta' deċiżjonijiet. Hija tista' tiddeċiedi li l-miżura notifikata ma tikkostitwixix għajnuna. Hija tista' wkoll tiddeċiedi li m'hemm l-ebda dubju dwar il-kompatibbilità mas-suq komuni tal-miżura nnotifikata, u tiddeċiedi li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-għoti tal-għajnuna inkwistjoni. Fl-aħħar nett, hija tista' tiddeċiedi li tagħti bidu għall-proċedura formali ta' eżami prevista fl-Artikolu 88(2) KE jekk il-proġett ta' għajnuna nnotifikat iqajjem dubji fir-rigward tal-kompatibbiltà tiegħu mas-suq komuni.

C — *Il-qafas multisettorjali*

22. Fl-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-għajnuna reġjonali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, minbarra l-effetti pożittivi fuq l-iżvilupp tar-reġjun, il-konse-

12 — It-tieni premessa tar-regolament.

13 — 323/82, Ġabra p. 3809.

14 — Punt 16. Din id-definizzjoni reġgħat ingħatat, b'mod partikolari, mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Cook vs Il-Kummissjoni (punt 24); Matra vs Il-Kummissjoni (punt 18), u Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (punt 36).

gwenzi li l-għajnuna jista' jkollha fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' ċerti setturi [15].

23. Huwa għal dan il-għan li l-Kummissjoni adottat il-qafas multisettorjali. Dan il-qafas jikkostitwixxi linji gwida li jippermettu lill-Kummissjoni tikkalkola, fuq bażi individwali, l-intensità massima ammissibbli tal-għajnuna reġjonali mogħtija għall-investiment [16].

24. L-intensità massima tal-għajnuna hija kkalkolata skont il-metodu muri fil-punt 3 tal-imsemmi qafas. Dan il-kalkolu jeżiġi, qabel kollox, id-determinazzjoni tal-"limitu reġjonali" tal-għajnuna (fattur R), li jikkorrispondi għall-intensità massima ammissibbli tal-għajnuna li impriża kbira tista' tikseb fir-reġjun ikkonċernat fir-rigward tas-sistema ta' għajnuna reġjonali awtorizzata fis-seħħ fiż-żmien tad-data tan-notifika. Jekk l-għajnuna tkun individwali, huwa l-limitu ta' għajnuna stabbilit għaż-żona kkunsidrata li jiġi applikat. Imbagħad, dan il-kalkolu jeżiġi d-determinazzjoni ta' tliet koeffiċjenti ta' korrezzjoni li jikkorrispondu, fl-ewwel lok, għall-istat ta' kompetizzjoni fis-settur ikkunsidrat (fattur T), fit-tieni lok, għar-relazzjoni kapital/xogħol, (fattur I) u, fit-tielet lok, għall-impatt reġjonali ta' l-għajnuna prevista, (fattur M). L-intensità massima ammissibbli tal-għajnuna hija għaldaqstant ikkalkolata billi jiġu applikati dawn it-tlett koeffiċjenti ta' korrezzjoni għal-limitu reġjonali tal-għajnuna (fattur R).

25. Skont il-punti 3.2 u 3.3 tal-qafas multisettorjali, l-element li jirrigwarda l-istat tal-kompetizzjoni huwa intiż sabiex jiġi stabbilit jekk il-proġett innotifikat hux ser jiġi implementat f'settur jew f'subsettur b'kapaċità żejda strutturali. Sabiex tistabbilixxi l-eżistenza jew in-nuqqas ta' tali kapaċità żejda, il-Kummissjoni tqabbel, fuq il-livell tal-Komunità Ewropea, ir-rata medja ta' użu tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-industrija tal-manufattura fl-intier tagħha u r-rata ta' użu tal-kapaċità fis-(sub)settur inkwistjoni. Il-Kummissjoni tirreferi għall-aħħar ħames snin li fir-rigward tagħhom teżisti data disponibbli [17].

26. Il-punt 3.4 tal-qafas multisettorjali jipprovdi dan li ġej:

"Jekk l-informazzjoni fuq l-użu tal-kapaċitajiet mhijiex biżżejjed, il-Kummissjoni teżamina jekk l-investimenti kkunsidrati jitwettqux f'suq li sejjer

15 — Ara b'mod partikolari, il-punt 6 tal-ewwel riżoluzzjoni, tal-20 ta' Ottubru 1971, tar-rappreżentati tal-gvernijiet tal-Istati Membri, rijuniti fi ħdan il-Kunsill, fir-rigward tas-sistemi ġenerali ta' għajnuna reġjonali (ĠU C 111, p. 1); punti 10 sa 12 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq is-sistema ġenerali ta' għajnuna reġjonali (ĠU 1979, C 31, p. 9), u kif ukoll it-tieni u t-tielet inċiżi tal-punt I(6), tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-metodu ta' applikazzjoni tal-Artikolu [87(3)(a) u (c), KE] għall-għajnuna reġjonali (ĠU 1988, C 212, p. 2).

16 — Punt 1.4 tal-qafas multisettorjali. Il-proġetti suġġetti għall-obbligu ta' notifikazzjoni huma ddefiniti fil-punt 2.1 ta' dan il-qafas.

17 — Skont il-punt 7.7 tal-qafas multisettorjali, il-Kummissjoni ssostni li hemm produzzjoni żejda strutturali fejn, fuq medja għall-aħħar ħames snin, ir-rata tal-użu tal-kapaċitajiet tas-(sub)settur inkwistjoni huwa ta' iktar minn ħames punti perċentwali minn dak tas-settur ta' produzzjoni fit-totalità tiegħu. Produzzjoni żejda strutturali hija serja meta fil-konfront tal-medja għas-settur ta' produzzjoni huwa ta' iktar minn ħames punti perċentwali.

lura. Għal dan il-għan, hija tagħmel paragun bejn l-iżvilupp tal-konsum apparenti tal-prodott jew prodotti inkwistjoni […] flimkien mar-rata ta' tkabbir tas-settur tal-manifattura fl-intier tiegħu fuq il-livell taż-[Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem iż-'ŻEE')] [18]."

27. Fl-aħħar nett, skont il-punt 3.10.1 tal-imsemmi qafas, erba' koeffiċjenti ta' korrezzjoni huma applikabbli għall-element rigward l-istat tal-kompetizzjoni. Il-valur ta' dawn il-koeffiċjenti jiddependi fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni li ġejjin:

"i) Proġett li jimplika żieda fil-kapaċità f'settur ikkaraterrizat minn produzzjoni żejda strutturali qawwija u/jew tnaqqis assolut fit-talba: 0.25

ii) Proġett li jimplika żieda fil-kapaċità f'settur ikkaraterrizat minn kapaċità żejda strutturali u/jew suq li sejjer lura, u li jista' jsaħħaħ sehem tas-suq li huwa diġà għoli: 0.50

iii) Proġett li jimplika żieda fil-kapaċità f'settur ikkaratterizzat minn produzzjoni żejda strutturali u/jew suq li sejjer lura : 0.75

iv) Ebda effett negattiv probbabli fis-sens tal-każijiet imsemmija fil-punti i) sa iii) : 1.00"

28. Fis-sens tal-qafas multisettorjali, is-suq tal-prodotti inkwistjoni, għall-evalwazzjoni tal-parti tas-suq, jinkludi l-prodotti previsti mill-proġett ta' investiment kif ukoll, jekk ikun il-każ, il-prodotti kkunsidrati bħala skambjabbli bejniethom mill-konsumatur jew mill-produttur. Fir-rigward tas-suq ġeografiku, dan jinkludi, bħala regola ġenerali, iż-ŻEE jew, skont il-każ, kull parti sostanzjali tat-territorju taż-ŻEE jekk il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni huma differenti b'mod sostanzjali minn dawk li jipprevalu fil-bqija taż-ŻEE [19].

II — Il-fatti li wasslu għal dawn il-kawżi

29. Il-fatti, kif jirriżultaw mis-sentenza appellata, jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej.

18 — Skont il-punt 7.8 tal-qafas multisettorjali, is-suq tal-prodotti inkwistjoni jiġi kkunsidrat bħala li sejjer lura jekk ir-rata ta' tkabbir annwali medju tal-konsum apparenti jkun, waqt il-perijodu tal-aħħar ħames snin, kunsiderevolment inferjuri (b'iktar minn 10 %) mill-medja annwali tas-settur tal-manifattura fl-intier tiegħu fuq livell taż-ŻEE, ħlief jekk ir-rata ta' tkabbir li tirrigwarda d-domanda għal dan il-prodott jew prodotti turi tendenza sinjifikattiva għall-irkupru. Suq li sejjer lura b'mod assolut jikkorrispondi għal suq li fih ir-rata ta' tkabbir annwali medja tal-konsum apparenti hija negattiva għall-aħħar ħames snin

19 — Punt 7.6 tal-qafas multisettorjali.

30. Kemm Glunz, l-impriża Ġermaniża li bbenifikat mill-għajnuna inkwistjoni, kif ukoll Kronofrance, l-impriża Franċiża rikorrenti fl-ewwel istanza, jipproduċu u jikkumerċjalizzaw folji tal-injam.

31. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Awwissu 2000, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni bi proġett ta' għajnuna għall-investiment ta' intensità ta' 35 % (jiġifieri, b'kollox, ta' EUR 69 797 988) għall-benefiċċju tal-kumpanniji Glunz u OSB għall-bini ta' ċentru integrat ta' pproċessar tal-injam f'Nettgau fil-Land de Saxe-Anhalt.

32. Il-Kummissjoni qieset li l-miżura notifikata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE u li kellha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-qafas multisettorjali. Skont ir-regoli previsti minn dan il-qafas, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-intensità massima tal-għajnuna li l-impriżi setgħu jirċievu f'dan ir-reġjun, billi evalwat kull wieħed mill-koeffiċjenti ta' korrezzjoni (fatturi T, I u M).

33. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-koeffiċjent applikabbli skont l-istat tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni fakkret li, skont il-punti 3.3 u 3.4 tal-imsemmi qafas, hija kellha tillimita l-analiżi tagħha għad-determinazzjoni tal-eżistenza jew tan-nuqqas ta' kapaċità żejda strutturali fis-settur inkwistjoni, fejn l-informazzjoni dwar ir-rata ta' użu tal-kapaċitajiet mhijiex suffiċjenti. Peress li hija kkunsidrat li ż-żewġ prodotti mmanifatturati minn Glunz jirrappreżentaw sehem importanti ħafna tal-produzzjoni fl-intier tagħha ta' folji ta' l-injam fl-Ewropa u b'referenza għal-livell l-iktar baxx tan-nomenklatura ġenerali ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Kumunitajiet Ewropej [20], il-Kummissjoni għażlet li tibbaża l-analiżi tagħha fuq l-informazzjoni li tirrigwarda r-rata ta' użu tal-kapaċitajiet tal-klassi 20.20 tal-imsemmija nomenklatura li tinkludi l-manifattura tal-folji ta' l-injam, li tkopri l-perijodu bejn l-1994 sal-1998. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proġett ta' investiment inkwistjoni kien ser jinvolvi żjieda fil-kapaċità f'settur fejn ma teżistix kapaċità żejda; dan serva bħala ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' aġġustament ta' 1 għall-element li jirrigwarda l-istat tal-kompetizzjoni.

34. Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-għajnuna nnotifikata fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-qafas multisettorjali, il-Kummissjoni esponiet ir-raġunijiet għalfejn hija kkunsidrat li l-proġett ta' għajnuna għall-investiment previst mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kien jikkonforma mal-intensità massima tal-għajnuna awtorizzata [21].

35. Fil-25 ta' Lulju 2001, il-Kummissjoni għaldaqstant iddeċidiet, fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 659/1999, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet kontra l-għoti tal-għajnuna inkwistjoni.

20 — Din in-nomenklatura ġiet stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90, tad-9 ta' Ottubru 1990, dwar il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (ĠU L 293, p. 1), kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 761/93 tal-24 ta' Marzu 1993 (ĠU L 83, p. 1).

21 — Skont il-Kummissjoni, il-fatturi applikabbli fil-kawża preżenti kellhom jiġu stabbiliti għal:
— 35 % għal dak li jirrigwarda l-intensità massima ammissibbli awtorizzata fil-Land de Saxe-Anhalt;
— 1 għall-fattur T fid-dawl tal-istat ta' kompetizzjoni fis-suq tal-folji tal-injam;
— 0.8 għall-fattur I (proporzjon kapital/xogħol);
— 1.5 għall-fattur M fid-dawl tal-impatt reġjonali tal-għajnuna inkwistjoni,
jiġifieri intensità massima ammissibbli ta' 42 % (35 % x 1 x 0.8 x 1.5).Ara l-punti 8 sa 14 tad-deċiżjoni kkontestata u l-punt 14 tas-sentenza kkontestata.

III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

36. Permezz ta' applikazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-4 ta' Frar 2002, Kronofrance ressqet rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2002, Glunz u OSB ġew ammessi jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

37. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata wara li ddikjarat ir-rikors ta' Kronofrance bħala ammissibbli u fondat.

38. Minn din is-sentenza jirriżulta li l-Kummissjoni u l-partijiet intervenjenti qajmu, waqt is-seduta, eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tar-rikors, ibbażata fuq in-nuqqas ta' *locus standi* ta' Kronofrance. Huma sostnew li din tal-aħħar ma kinitx individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata inkwantu l-pożizzjoni tagħha fis-suq ma kinitx affettwata b'mod sostanzjali mill-għajnuna inkwistjoni.

39. Fil-punti 29 sa 46 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant eżaminat l-ammissibbiltà tar-rikors.

40. Billi bbażat ruħha fuq ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret qabel kollox, fil-punt 32 tas-sentenza appellata, li kien neċessarju li ssir distinzjoni bejn iż-żewġ fażijiet tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, jiġifieri l-fażi tal-eżami preliminari tal-miżura u l-fażi formali ta' eżami [22]. L-ewwel fażi fosthom tippermetti lill-Kummissjoni tasal għal opinjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna filwaqt li t-tieni fosthom tippermetti lill-Kummissjoni li jkollha informazzjoni iktar kompleta tad-data tal-każ, u tobbligaha, f'dan ir-rigward, tibgħat ittra ta' intimazzjoni lill-persuni interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat, fil-punt 33 ta' din is-sentenza, li, meta l-Kummissjoni tikkonstata fuq il-bażi tal-eżami preliminari biss tal-għajnuna, li din hija kompatibbli mas-suq komuni, il-benefiċjarji tal-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu 88(2) KE, jistgħu jassiguraw l-osservanza ta' din il-proċedura biss jekk ikollhom il-possibbiltà li jikkontestaw din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-qorti Komunitarja [23].

41. Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet minn dan, fil-punt 34 tas-sentenza appellata, li:

"[…] meta, permezz ta' rikors għal annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata wara eżami preliminari, rikorrenti tfittex li tikseb l-osservanza tal-garanziji proċedurali,

22 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni (punt 22); Matra vs Il-Kummissjoni (punt 16); Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (punt 38), u kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Jannar 2004, Thermenhotel Stoiser Franz *et* vs Il-Kummissjoni (T-158/99, Ġabra p. II-1, punt 57).

23 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni (punt 23); Matra vs Il-Kummissjoni (punt 17); Il-Kummissjoni vs Sytraval *et* Brink's France (punt 47), u kif ukoll Thermenhotel Stoiser Franz *et* vs Il-Kummissjoni (punt 69).

previsti mill-Artikolu 88(2) KE, is-sempliċi fatt li hija għandha l-kwalità ta' parti interessata, fis-sens din id-dispożizzjoni, huwa biżżejjed sabiex hija tiġi kkunsidrata bħala direttament u individwalment ikkonċernata fis-sens tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE[24] […]".

42. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat jekk ir-rikorrenti setgħetx tiġi kkunsidrata bħala parti interessata fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999. Wara analiżi tal-pożizzjoni kompetittiva ta' Kronofrance fis-suq tal-folji tal-injam, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li r-rikorrenti kienet kompetitriċi tal-impriża li bbenifikat mill-għajnuna u li, għal din ir-raġuni, hija kienet parti interessata.

43. Konsegwentement, il-qorti Komunitarja ddikjarat ir-rikors bħala ammissibbli [25].

44. Imbagħad, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet analiżi tal-motivi mqajma minn Kronofrance. Din tal-aħħar invokat, essenzjalment, erba' motivi ta' annullament, ibbażati fl-ewwel lok, fuq il-ksur tal-Artikolu 87 KE u tal-qafas multisettorjali, fit-tieni lok fuq il-ksur tal-Artikolu 88(2) KE, fit-tielet lok fuq abbuż ta' poter u, fir-raba' lok, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

45. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat l-ewwel motiv imqajjem minn Kronofrance bħala fondat u, fuq il-bażi ta' dan, annullat id-deċiżjoni kkontestata.

46. Permezz tal-ewwel motiv tagħha, Kronofrance kkontestat l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-intensità massima ammissibbli tal-għajnuna u b'mod partikolari, tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għall-element rigward l-istat tal-kompetizzjoni (fattur T). Hija tallega, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni ma eżaminatx jekk l-investimenti ppjanati kinux ser jitwettqu f'suq li sejjer lura u li llimitat ruħha għal analiżi tal-kapaċitajiet strutturali tas-settur.

47. Wara li fakkret, fil-punt 79 tas-sentenza kkontestata, li l-Kummissjoni tiddisponi minn marġni diskrezzjonali wiesgħa fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħha tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat jekk din kinitx wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u l-implementazzjoni tal-qafas multisettorjali.

48. Minkejja li, fil-punt 89 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrikonoxxiet li, fid-dawl tal-kliem tiegħu biss, dan il-qafas jista' jinftiehem fis-sens allegat mill-Kummissjoni, hija madankollu ma ddeċidietx li dan it-test għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 87 KE u tal-għan li huwa jsegwi, jiġifieri dak ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fis-suq komuni.

24 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Cook vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 23 sa 26) u Matra vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 17 sa 20), kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Settembru 1998, BP Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-11/95, Ġabra p. II-3235, punti 89 u 90).

25 — Punt 46 tas-sentenza kkontestata.

49. Fil-punti 90 sa 95 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-istruttura tal-punti 3.2 sa 3.10 tal-qafas multisettorjali. Fil-punt 96 tas-sentenza appellata, hija ddeduċiet mill-imsemmija struttura li l-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' 1 minħabba l-istat ta' kompetizzjoni kienet timplika l-kostatazzjoni minn qabel kemm ta' nuqqas ta' kapaċità żejda strutturali fis-settur inkwistjoni kif ukoll ta' nuqqas ta' suq li sejjer lura. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat in-natura speċifika taż-żewġ kriterji ta' evalwazzjoni.

50. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi, li hija ddeċidiet, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, li l-ewwel sentenza tal-punt 3.4 tal-qafas multisettorjali għandha tiġi interpretata fis-sens li, "fil-każ fejn id-data li tikkonċerna l-użu tal-kapaċitajiet tas-settur ikkonċernat ma tippermettilhiex li tasal għall-konklużjoni ta' eżistenza ta' kapaċità żejda strutturali, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk is-suq inkwistjoni huwiex sejjer lura".

51. Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, fil-punt 103 tas-sentenza appellata, li, billi applikat koeffiċjent ta' aġġustament ta' 1 għall-element li jirrigwarda l-istat tal-kompetizzjoni mingħajr ma vverifikat minn qabel jekk il-proġett ta' għajnuna inkwistjoni kienx ser jiġi implementat f'suq li sejjer lura, il-Kummissjoni kienet wettqet żball ta' liġi billi kisret l-Artikolu 87 KE u l-qafas multisettorjali.

52. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant iddeċidiet li kien hemm lok li jiġu milqugħa t-talbiet ta' Kronofrance u li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata.

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

53. Permezz ta' atti ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja rispettivament fis-16 u fit-18 ta' Frar 2005, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll Glunz u OSB ressqu dawn l-appelli.

54. Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fit-13 ta' Ottubru 2005, il-kawżi C-75/05 P u C-80/05 P ġew magħquda għall-finijiet tal-proċudera orali u tas-sentenza.

55. L-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u tiċħad ir-rikors ta' Kronofrance. Glunz u OSB jitolbu wkoll li, jekk ikun il-każ, il-kawża tagħhom għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex hija tiddeċiedi fuq il-mertu.

56. Fl-aħħar nett, l-appellanti jitolbu li, Kronofrance tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kemm tal-appelli, kif ukoll tar-rikors imressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

57. F'kull waħda minn dawn il-kawżi, il-Kummissjoni titlob l-annullament tas-sentenza appellata. Hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad ir-rikors ta' Kronofrance bħala inammissibbli u,

sussidjarjament, bħala mhux fondat, kif ukoll tikkundanna lil din tal-aħħar għall-ispejjeż kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appelli.

58. F'dawn iż-żewġ kawżi, Kronofrance titlob li l-appelli jiġu miċħuda u li l-partijiet appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż kemm tal-appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tar-rikors imressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

V — L-analiżi ġuridika

59. Fl-opinjoni tiegħi, il-partijiet appellanti jqajmu erba' aggravji insostenn tal-appell tagħhom.

60. Permezz tal-ewwel aggravju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll Glunz u OSB isostnu li s-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi inkwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat bħala ammissibbli r-rikors imressaq minn Kronofrance.

61. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, li fl-opinjoni tiegħi huma magħmul minn żewġ partijiet, il-partijiet appellanti jikkontestaw in-natura u l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju, imwettaq mill-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-element li jirrigwarda l-istat tal-kompetizzjoni fis-suq. Huma jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza qabżet il-limiti imposti fuq l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha u interpretat b'mod żbaljat il-qafas multisettorjali.

62. Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll Glunz u OSB jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma osservatx il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

63. Fl-aħħar nett, permezz tar-raba' aggravju tagħhom, Glunz u OSB isostnu li s-sentenza appellata tikser it-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE peress li tmur lil'hinn mill-motivi invokati insostenn tar-rikors għal annullament imressaq minn Kronofrance.

64. Qabel ma niddeċiedi fuq il-mertu ta' dawn l-appelli, nixtieq nagħmel osservazzjoni preliminari fuq il-limiti tal-istħarriġ ġurisdizzjonali mwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

65. Fil-fatt, nixtieq infakkar li, skont l-Artikolu 225(1) KE u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell għandu jkun limitat għal punti ta' dritt u għandu jkun ibbażat fuq motivi ta' inkompetenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fuq ksur tal-proċedura quddiemha li jippreġudika l-interessi tal-appellant jew

fuq il-ksur tad-dritt Komunitarju mill-Qorti tal-Prim'Istanza [26].

66. Skont ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza hija għaldaqstant l-unika kompetenti, minn naħa, sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każijiet fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta minn atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u min-naħa l-oħra, biex tevalwa dawn il-fatti. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-provi li ġew ippreżentati quddiemha, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [27].

67. Min-naħa l-oħra, huwa kostanti li, meta l-Qorti tal-Prim'Istanza tkun stabbiliet jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza li twettaq, skont l-Artikolu 225 KE, stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi legali li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet minnu [28].

68. Fid-dawl ta' dan, għandhom għaldaqstant jiġu eżaminati d-diversi aggravji li l-partijiet appellanti jinvokaw insostenn tal-appell tagħhom.

A — *Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-ammissibbiltà tar-rikors ta' Kronofrance*

69. Permezz ta' dan l-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tal-*locus standi* ta' Kronofrance.

1. L-argumenti tal-partijiet

70. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll Glunz u OSB jsostnu li s-sentenza appellata tikser ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, inkwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li Kronofrance hija "direttament u individwalment kkonċernata" mid-deċiżjoni kkontestata u għaldaqstant iddeċidiet li r-rikors ta' din l-impriża huwa ammissibbli. Din il-konklużjoni żbaljata tirriżulta minn twessiegħ eċċessiv tal-kamp ta' applikazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE u ta' interpretazzjoni żbaljata ta' dan tal-aħħar, fid-dawl tar-Regolament Nru 659/1999.

26 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, Ġabra p. I-10005, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punti 47 sa 49), u kif ukoll Sniace vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 — Ara b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 23); tad-29 ta' April 2004, Il-Parlament vs Ripa di Meana *et* (C-470/00 P, Ġabra p. I-4167, punt 41), u tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni (C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punt 51).

71. Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset inġustament, fil-punti 34 u 35 tas-sentenza appellata, li kull persuna li tista' tkun "interessata" fil-proċedura formali ta' eżami ta' għajnuna skont l-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999 għandha tiġi kkunsidrata bħala direttament u individwalment ikkonċernata fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, minn deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni meħuda fl-eżitu tal-fażi ta' eżami preliminari tal-għajnuna, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi stabbilit li l-pożizzjoni kompettitiva ta' Kronofrance kienet ġiet "sostanzjalment" affettwata minn din id-deċiżjoni.

72. Skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll skont Glunz u OSB, il-kwalità ta' parti interessata fis-sens tar-Regolament Nru 659/1999 ma timplikax awtomatikament id-dritt li jiġi ppreżentat rikors ġurisdizzjonali. Huwa biss eżami konkret ibbażat fuq ir-relazzjoni tal-kompetizzjoni eżistenti bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u Kronofrance li huwa konformi mal-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni [29]. Għaldaqstant, sabiex tistabbilixxi l-*locus standi* ta' Kronofrance, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tivverifika jekk il-pożizzjoni tagħha fuq is-suq ġietx affettwata b'mod sostanzjali.

73. Bil-kontra ta' dak li qieset il-Qorti tal-Prim'Istanza, Kronofrance u Glunz mhumiex effettivament kompetituri fis-suq inkwistjoni u, konsegwentement, il-pożizzjoni ta' Kronofrance ma setgħetx tiġi sostanzjalment affettwata.

74. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja enfasizzat li l-Qorti tal-Prim'Istanza sempliċement ikkonstatat, fil-punti 43 *et seq* tas-sentenza appellata li Glunz kienet tagħmel parti minn grupp li huma parti minnu kumpanniji oħra attivi fis-settur tal-injam fi Franza. Madankollu, dan il-kriterju mhuwiex rilevanti peress li huwa bbażat fuq kunsiderazzjonijiet rigward il-grupp u mhux fuq il-kompetizzjoni konkreta li teżisti bejn iż-żewġ impriżi.

75. Barra minn hekk, Glunz u OSB isostnu li l-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li ż-żoni ta' kummerċjalizzazzjoni ta' Kronofrance u ta' Glunz huma sovrapposti mhijiex eżatta. Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet evalwat b'mod żbaljat id-data rigward is-swieq taż-żewġ impriżi.

76. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-partijiet appellanti jsostnu li r-rikors ta' Kronofrance kellu jiġi ddikjarat bħala inammissibbli.

29 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963 (25/62, Ġabra p. 197).

77. Il-Kummissjoni taqbel, essenzjalment, mal-kunsiderazzjonijiet tal-partijiet appellanti fir-rigward tal-ksur tar-raba' paragrafu, tal-Artikolu 230 KE u tfakkar f'dan ir-rigward li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-*locus standi* tal-kompetituri ta' benefiċjarju ta' għajnuna. Hija tirreferi, b'mod partikolari, għas-sentenza tat-28 ta' Jannar 1986, Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni [30] kif ukoll għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni.

78. Kronofrance tqis, bil-kontra, li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, ġustament, li hija kienet parti interessata fis-sens tar-Regolament Nru 659/1999 u li r-rikors tagħha, ippreżentat kontra d-deċiżjoni kkontestata, kien ammissibbli inkwantu hija kienet invokat l-osservanza tal-garanziji proċedurali previsti fl-Artikoli 88(2) KE. Kronofrance issostni, b'mod partikolari, li fil-każ li ma tinbediex il-proċedura formali ta' eżami, kompetitur tal-benefiċjarju ta' għajnuna għandu biss jipprova l-kwalità tiegħu ta' "parti interessata" fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE, meta r-rikors tiegħu huwa intiż għall-ħarsien tad-drittijiet proċedurali tiegħu. F'każ bħal dan, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u b'mod partikolari mis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, ARAP *et* vs Il-Kummissjoni [31], mhuwiex neċessarju li jiġi stabbilit li l-pożizzjoni kompettitiva tar-rikorrenti hija affettwata b'mod sostanzjali. Huwa biżżejjed li l-interessi tiegħu jistgħu jiġu affettwati permezz tal-għoti tal-għajnuna. Din il-kundizzjoni hija sodisfatta fil-kawżi preżenti inkwantu teżisti relazzjoni diretta ta' kompetizzjoni bejn Kronofrance u Glunz.

2. L-evalwazzjoni

79. Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, essenzjalment mitluba tiddeċiedi fuq id-drittijiet irrikonoxxuti lill-parti interessata fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari meta dawn iressqu rikors għal annullament kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħti bidu għall-fażi formali ta' eżami prevista fl-Artikolu 88(2) KE.

80. L-eżami ta' dan l-aggravju jeżiġi, qabel kollox, li jiġi mfakkar l-istat tal-ġurisprudenza f'dan ir-rigward.

a) Il-ġurisprudenza rigward id-drittijiet tal-partijiet interessati fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat.

81. Fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni għandhom biss bħala destinatarji l-Istati Membri interessati. Dan jgħodd ukoll fil-każ fejn deċiżjoni tingħata wara lment li jallega li l-miżura inkwistjoni tmur kontra t-Trattat [32].

30 — 169/84, Ġabra p. 391.

31 — C-321/99 P, Ġabra p. I-4287, punt 61.

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

82. Il-persuni fiżiċi jew legali li jixtiequ jressqu rikors għal annullament kontra tali deċizjonijiet għandhom għaldaqstant jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Jiena nfakkar li din id-dispożizzjoni tissuġġetta r-rikors għal annullament ta' kull persuna fiżika jew legali kontra deċiżjoni li hija mhijiex id-destinatarja tagħha għall-kundizzjoni doppja li din id-deċiżjoni tikkonċernahom direttament u individwalment. Jekk l-att inkwistjoni ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikors imressaq ikun inammissibbli.

83. Il-portata tal-kunċett ta' "individwalment" ikkonċernata ġiet iddefinita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq [33], u kkonfermata suċċessivament minn ġurisprudenza kostanti [34]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li s-suġġetti l-oħra, minbarra d-destinatarji ta' deċiżjoni kkontestata, ma jistgħux jallegaw li huma individwalment interessati ħlief jekk din id-deċiżjoni taffettwahom minħabba ċerti karatteristiċi li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tiddistingwihom meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, tindividwahom "b'mod analogu bħal dik tad-destinatarju".

84. Fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-kunċett ta' interess individwali huwa applikat b'mod partikolari, fid-dawl tal-għan u tal-karatteristiċi partikolari tal-proċedura previsti rispettivament fl-Artikolu 88(2) u (3) KE [35].

85. Kif fakkret il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 31 tas-sentenza appellata, din il-proċedura ta' stħarriġ tikkonsisti fil-fatt, f'żewġ fażijiet li l-qorti Komunitarja dejjem iddistingwiet [36].

86. L-ewwel waħda fosthom hija stabbilita mill-Artikolu 88(3) KE [37]. Infakkar li hija tippermetti lill-Kummissjoni sabiex twettaq eżami preliminari u ssemplifikat tal-proġett innotifikat sabiex tkun tista' tifforma opinjoni inizjali rigward il-kompatibbiltà ta' dan tal-aħħar mas-suq komuni [38]. Il-parteċipazzjoni ta' terzi fil-proċedura mhijiex prevista. Wara dan l-eżami, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi jekk il-miżura inkwistjoni ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 87 KE. Hija tista' tiddeċiedi wkoll, jekk tkun konvinta minn dan, li din il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat kompatibbli mat-Trattat. Min-naħa l-oħra, jekk il-Kummissjoni tiltaqa'

33 — P. 223.

34 — Ara b'mod partikolari, is-sentenzi Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 22); Cook vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 20); tad-19 ta' Ottubru 2000, Italie u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni (C-15/98 u C-105/99, Ġabra p. I-8855, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata), u kif ukoll Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33).

35 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni (punt 21) u Matra vs Il-Kummissjoni (punt 15).

36 — Fis-sentenza kkontestata, Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirriferi b'mod partikolari għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni (punt 22); Matra vs Il-Kummissjoni (punt 16), u kif ukoll Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (punti 38 u 39). Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq (punt 34) u mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2006, Air One vs Il-Kummissjoni (T-395/04, Ġabra p. II-1343, punt 33).

37 — Il-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura jidhru fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999.

38 — Sentenza tal-11 ta' Diċembru 1973, Gebrüder Lorenz (120/73, Ġabra p. 1471, punt 3).

ma' diffikultajiet serji fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni, hija għandha tiddeċiedi li tagħti bidu għall-fażi formali ta' eżami.

87. Din hija t-tieni fażi tal-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE. Hija għandha tippermetti lill-Kummissjoni li tiġbor l-opinjonijiet kollha neċessarji sabiex tevalwa, fuq il-bażi ta' informazzjoni kompleta tad-data tal-kawża, il-kompatibbiltà tal-miżura notifikata mas-suq komuni [39]. Huwa għal dan il-għan li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tiġbor l-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati fir-rigward tal-proġett ta' għajnuna nnotifikat [40].

88. Kif diġà indikajt, il-kunċett ta' "interessat", fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE, ġie ddefinit b'mod wiesa' mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala wieħed li jkopri l-persuni, l-impriżi, jew l-assoċjazzjonijiet li l-interessi tagħhom jiġu eventwalment affettwati mill-għoti ta' għajnuna, jiġifieri, b'mod partikolari, l-impriżi li jikkompetu ma' xulxin u l-organizzazzjonijiet professjonali. Infakkar li din id-definizzjoni ġiet stabbilita suċċessivament mill-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999.

89. Għaldaqstant kull impriża li tinvoka relazzjoni ta' kompetizzjoni, anki potenzjali, jista' jingħad li għandha l-kwalità ta' "interessat" fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE u tiddisponi, bis-saħħa ta' dan, mill-garanziji proċedurali li jippermettulha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

90. Id-dritt ta' rikors tal-partijiet interessati huwa stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Artikolu 88(2) KE u huwa bbażat fuq id-drittijiet proċedurali li din id-dispożizzjoni tagħtihom [41].

91. Din il-ġurisprudenza ġiet żviluppata għall-ewwel darba fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummisjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' kompatibbiltà ta' għajnuna, il-benefiċjarji ta' dawn il-garanziji, jiġifieri l-partijiet interessati, jistgħu jassiguraw l-osservanza tagħhom biss jekk huma għandhom il-possibbiltà li jikkontestaw din id-deċiżjoni quddiem il-qorti Komunitarja [42].

92. B'hekk, fl-ewwel kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-impriża William Cook plc kienet parti interessata fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE inkwantu hija kienet tipproduċi tagħmir identiku għal dak tal-impriża benefiċjarja tal-għajnuna. F'din il-kwalità, hija għaldaqstant kellha titqies bħala direttament u individwalment

39 — Il-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura jidhru fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Nru 659/1999.

40 — Fuq ir-rwol tal-partijiet interessati fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mibdija skont l-Artikolu 88(2), KE ara l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 659/1999 u s-sentenzi tat-12 ta' Lulju 1973, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (70/72, Ġabra p. 813, punt 19); tal-20 ta' Marzu 1984, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (84/82, Ġabra p. 1451, punt 13) kif ukoll tas-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq (punt 59) u kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2005, Scott vs Il-Kummissjoni (C-276/03 P, Ġabra p. I-8437, punt 34).

41 — Infakkar li dawn id-drittijiet ma jeżistux fil-kuntest tal-fażi preliminari prevista fl-Artikolu 88(3) KE.

42 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni (punt 23) u Matra vs Il-Kummissjoni (punt 17).

ikkonċernata mid-deċiżjoni inkwistjoni u, konsegwentement, kellha d-dritt titlob l-annullament tagħha fuq il-bażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE [43].

93. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fit-tieni kawża, li l-kwalità ta' parti interessata tal-impriża Matra SA tista' tiġi rikonoxxuta inkwantu l-interessi tagħha ġew affettwati mill-għoti tal-għajnuna kkontestata "fil-kwalità tagħha bħala produttur prinċipali Komunitarju ta' vetturi multi-purpose u ta' kompetitriċi fil-futur tal-impriża [benefiċjarja tal-għajnuna]". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-rikors għal annullament imressaq kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kien għaldaqstant ammissibbli [44].

94. Madankollu, dan ir-rikors jista' biss ikollu bħala għan il-ħarsien tad-drittijiet proċedurali li l-"interessati" huma intitolati għalihom skont l-Artikolu 88(2) KE. Għaldaqstant, huma għandhom jikkontestaw in-nuqqas ta' bidu tal-proċedura formali ta' eżami [45].

95. Fil-qosor, mill-istat attwali tal-ġurisprudenza jirriżulta li, meta persuna fiżika jew ġuridika tippreżenta rikors għal annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet, hija għandha, minn naħa, tistabbilixxi l-kwalità tagħha ta' parti interessata, fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE u, min-naħa l-oħra, tibbaża r-rikors tagħha fuq iċ-ċaħda tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-eżami formali ta' eżami li fil-kuntest tiegħu hija bbenefikat minn drittijiet proċedurali.

96. Min-naħa l-oħra, jekk ir-rikorrent jikkontesta direttament il-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, adottata fit-tmiem tal-eżami preliminari, huwa jinsab fl-istess sitwazzjoni ta' kull persuna li għandha l-intenzjoni tikkontesta deċiżjoni li hija mhix id-destinatarja tagħha, bħal persuna li tippreżenta rikors kontra deċiżjoni adottata fit-tmiem tal-proċedura formali ta' eżami.

97. B'hekk, fis-sentenza Skibsværftsforeningen *et* vs Il-Kummissjoni ċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbiliet b'mod ċar li, meta r-rikorrent ma jitlobx l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni għarraġuni li din kisret l-obbligu li tagħti bidu għall-proċedura formali ta' eżami jew ma osservatx, minħabba dan il-fatt, il-garanziji proċedurali mogħtija lilu minn din tal-aħħar, huma l-kriterji stretti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni ċċitata iktar 'il fuq, li huma applikabbli [46].

98. Is-sempliċi fatt li r-rikorrent jista' jitqies bħala parti interessata fis-sens tal-Artikolu

43 — Punti 25 u 26 tas-sentenza Cook vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

44 — Punti 19 u 20 tas-sentenza Matra vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

45 — Ara b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni (punt 23); Matra vs Il-Kummissjoni (punt 17); Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (punt 47), kif ukoll Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq (punt 35) u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 1996, Skibsværftsforeningen *et* vs Il-Kummissjoni (T-266/94, Ġabra p. II-1399, punt 45).

46 — Ara l-punt 45.

88(2) KE għaldaqstant ma jibqax suffiċjenti għall-ammissibbiltà tar-rikors. L-ammissibbiltà tiegħu hija suġġetta għall-kundizzjoni li r-rikorrent juri li d-deċiżjoni inkwistjoni taffettwah minħabba ċerti karatteristiċi li huma partikolari għalih jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tiddistingwih meta mqabbel ma' kull persuna oħra [47]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, fejn ir-rikorrent juri li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu fis-suq hija affettwata b'mod sostanzjali mill-għajnuna li hija s-suġġett tad-deċiżjoni inkwistjoni [48].

99. B'hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza li, jekk rikorrent jikkontesta r-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-fażi formali ta' eżami billi jallega li d-drittijiet proċedurali tiegħu ġew miksura, huwa għandu jistabbilixxi li huwa parti "interessata" fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE inkwantu *l-interessi tiegħu jistgħu jiġu affettwati* mill-għoti tal-għajnuna inkwistjoni.

100. Jekk, min-naħa l-oħra, dan ir-rikorrent jikkontesta l-fondatezza tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni tal-għajnuna bħala tali, huwa għandu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jistabbilixxi li l-*pożizzjoni kompetittiva tiegħu fis-suq hija affettwata b'mod sostanzjali.* Għaldaqstant l-aċċess tiegħu għall-qorti Komunitarja huwa inqas faċli milli fl-ewwel każ.

101. Matul dawn l-aħħar snin din il-ġurisprudenza kienet is-suġġett ta' kritika serja.

102. L-Avukat Ġenerali Jacobs, fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq, qies l-imsemmija ġurisprudenza bħala kumplessa, nieqsa mil-loġika u mill-koerenza, inkwantu hija tintroduċi, fl-opinjoni tiegħu, distinzjonijiet artifiċjali f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-qorti Komunitarja [49]. Filwaqt li esprima diversi dubji fir-rigward tas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni, l-Avukat Ġenerali Jacobs stieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex terġa teżamina u tiċċara l-ġurisprudenza tagħha billi ppropona li hija tapplika, f'kull każ fejn

47 — Ara wkoll is-sentenza Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni (punti 22 sa 25) u Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (punt 37).

49 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 101, 102, u 138 sa 141 tal-imsemmija konklużjonijiet. Kif ukoll jenfasizza l-Avukat Ġenerali Jacobs, dawn id-diffikultajiet ġew irrilevati wkoll mid-duttrina, b'mod partikolari: J. Winter, "The rights of complainants in State aid cases: judicial review of Commission decisions adopted under article 88 (ex 93) EC", *Common Market Law Review,* 1999, Nru 36, p. 521; U. Soltész, u H. Bielesz, "Judicial review of State aid decisions", *European Competition Law Review,* 2004, p. 133; L. Flynn, "Remedies in the European Courts" f' A. Biondi *et* (éd.), *The Law of State Aid in the EU,* Oxford, 2004, p. 283.Ara wkoll J. Azizi, "Droits de la défense dans la procédure en matière d'aides d'État: le punt de vue judiciaire", fi "Un rôle pour la défense dans les procédures communautaires de concurrence", Bruylant, Brussell, 1997, p. 87, b'mod partikolari p. 112 sa 120; G. Vandersanden, "Pour un élargissement du droit des particuliers d'agir en annulation contre des actes autres que les décisions qui leur sont adressées", Cahiers de droit européen, 1995, Nri 5 u 6; K. Lenaerts, "The legal protection of private parties under the EC Treaty: a coherent and complete system of judicial review?", Scritti in onore di Giuseppe Federico Mancini, vol. II, Diritto dell'Unione europea, Milano, 1998; B. Jankovec, u V. Kronenberger, "Third parties in state aid litigation: *Locus standi* and procedural guarantees" f'M. Sánchez Rydelski, *The EC State aid regime: distortive effects of State aid on competition and trade,* May, Londra, 2006, p. 848; A. Sinnaeve, "State aid procedures: developments since the entry into force of the procedural regulation", *Common Market Law Review 2007,* Nru 44, p. 965, kif ukoll E. Coulon, u S. Cras, "Contentieux de la légalité dans le domaine des aides d'État: les récentes évolutions dans l'application des articles 173 et 175 du traité CE", Cahiers de droit européen, 1999, vol. 35, Nri 1 u 2, p. 61, b'mod partikolari p. 91 sa 110.

ir-rikorrent jikkontesta deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 88(3) KE, il-kriterju tal-interess dirett u individwali, indipendentement mill-motivi li fuqhom ir-rikors huwa bbażat, peress li l-eżiġenza tal-interess individwali hija, fl-opinjoni tiegħu, differenti mill-kunċett ta' parti interessata.

103. Anki jekk dawn il-kawżi ma jikkostitwixxux il-kuntest l-iktar adattat sabiex jiġi propost approċċ ġdid għal dan is-suġġett, jien nixtieq madankollu nagħmel xi kummenti.

104. Huwa minnu li d-distinzjoni mwettqa mill-qorti Komunitarja f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati kontra deċiżjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 88(3) KE tista' tiġi kkontestata. Fil-fatt, din il-ġurisprudenza twassal finalment għar-restrizzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-parti interessata fil-kuntest tal-proċedura ta' stħarriġ ta' għajnuna mill-Istat. Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti drittijiet lil dawn il-partijiet meta dawn jallegaw, insostenn tar-rikors tagħhom, ksur tal-garanziji proċedurali tagħhom, hija fl-istess ħin iċċaħħadhom minnhom meta dawn jixtiequ jikkontestaw il-fondatezza nfisha tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni tal-għajnuna. Tali ġurisprudenza tqajjem ċerti mistoqsijiet u ma tagħtix lill-Artikolu 88(3) KE kontenut ċar.

105. L-aċċess għall-qorti Komunitarja huwa madankollu wieħed mis-setturi li, fl-opinjoni tiegħi, iktar minn kwalunkwe settur ieħor, jeżiġi li d-dritt ikun ċar u koerenti. Għandu jkun possibbli li r-restrizzjonijiet fuq id-dritt li għandhom il-persuni li jiksbu stħarriġ ġurisdizzjonali tar-regoli u l-miżuri li l-istituzzjonijiet japplikaw għall-attività jew għas-sitwazzjoni tagħhom jinftiehmu faċilment.

106. Distinzjoni tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikors magħmul kontra deċiżjoni unika fil-kuntest ta' applikazzjoni li għandha l-istess għan hija effettivament artifiċjali. Fil-fatt, l-għan tar-rikorrent huwa, fl-opinjoni tiegħi, identiku indipendentement mill-fatt li huwa jinvoka l-ħarsien tad-drittijiet proċedurali tiegħu jew li huwa jikkontesta l-fondatezza tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni tal-għajnuna. Fiż-żewġ każijiet, l-għan tar-rikorrent, permezz tar-rikors tiegħu, huwa li jingħata bidu għall-fażi formali tal-eżami tal-għajnuna.

107. Barra minn hekk, tali distinzjoni trendi l-kompitu tal-qorti Komunitarja delikat peress li mhux dejjem huwa faċli, fil-qari ta' rikors għal annullament, li ssir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ każijiet.

108. Konsegwentement, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, eventwalment, trendi din il-ġurisprudenza iktar sempliċi u iktar koerenti billi tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikorsi diretti kontra deċiżjonijiet li jirrigwardaw għajnuna mill-Istat biss fuq il-bażi tal-għan tar-rikorsi u mhux tal-motivi invokati insostenn tagħhom.

109. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tammetti li, meta persuna tikkontesta l-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, adottata wara t-tmiem tal-eżami

preliminari, hija neċessarjament tikkontesta n-nuqqas ta' bidu tal-proċedura formali ta' eżami u għaldaqstant għandha l-għan li tikseb d-difiża tad-drittijiet proċedurali tagħha. Dan ir-rikors għandu bħala għan li jagħti bidu għall-proċedura formali tal-eżami, li fil-kuntest tiegħu r-rikorrent ikun jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, u dan huwa l-għan waħdieni tagħha, indipendentement mill-motiv invokat.

110. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tapplika l-ġurisprudenza żviluppata fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni għal kull rikors dirett kontra d-deċiżjonijiet meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 88(3) KE.

111. Minn naħa, din is-soluzzjoni tippermetti li l-individwi jingħataw aċċess iktar wiesa' għall-qorti Komunitarja. Il-ġurisprudenza li toħroġ mis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni tirriżulta b'mod ċar mir-rieda tal-Qorti tal-Ġustizzja li testendi l-portata tal-protezzjoni legali għall-persuni li ma jkunux kapaċi juru, f'din il-fażi tal-proċedura, li huma jissodisfaw il-kriterji stretti ħafna ddefiniti fil-kuntest tas-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li ma teżisti l-ebda pubblikazzjoni li tinforma lit-terzi bil-proġetti ta' għajnuna nnotifikati. Fis-sentenza Heineken Brouwerijen [50], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet fil-fatt ippreċiżat li l-Artikolu 88(3) KE "ma jeżiġix li n-notifikazzjoni lill-Kummissjoni, minn Stat Membru, ta' proġetti intiżi għall-għoti jew għall-modifikazzjoni ta' għajnuna tiġi immedjatament mogħtija lil kull parti interessata, peress li tali obbligu huwa impost biss fuq il-Kummissjoni, meta tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu [88(2), CE]" [51]. Min-naħa l-oħra, id-*deċizjoni li tagħlaq* il-fażi tal-eżami preliminari tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, minkejja li dan isir fil-qosor. Fir-rigward tat-test tad-deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat, hija biss disponibbli fil-lingwa oriġinali. Fir-rigward tal-informazzjoni li tinsab fl-imsemmija deċiżjoni, persuna li tixtieq tagħmel rikors għal annullament kontra l-imsemmija deċiżjoni tista' ma jkollhiex fid-dispożizzjoni tagħha informazzjoni suffiċjenti sabiex tistabbilixxi fir-rikors promotur, li hija individwalment ikkonċernata fis-sens tal-kriterji ddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq [52].

112. Min-naħa l-oħra, din is-soluzzjoni tippermetti li jissaħħaħ l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni. Fil-fatt, m'għandux jintesa li l-Kummissjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat. Jekk il-kompetituri jkunu intitolati, bħal kull persuna oħra li l-interessi tagħha jistgħu jiġu affettwati mill-miżura inkwistjoni, għad-dritt li jikkontestaw deċiżjoni li fiha, mingħajr ma tat bidu għall-proċedura formali ta' eżami, il-Kummissjoni ddeċidiet li miżura nnotifikata mhijiex għajnuna jew tikkostitwixxi għajnuna kompatibbli mas-suq komuni ssaħħaħ l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet adottati minnha u *a fortiori*, l-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat li jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat.

50 — Sentenza tad-9 ta' Ottubru 1984 (91/83 u 127/83, Ġabra p. 3435).

51 — Punt 15.

52 — F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Tesauro, fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża li tat lok għas-sentenza Cook vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, ippreċiża li ma jistax, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jiġi impost fuq l-impriżi li jifformulaw fl-att introduttiv tal-istanza xi lmenti preċiżi li jirreferu għall-importanza u għall-impatt tal-għajnuna, bħall-impatt tal-għajnuna fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-benefiċjarju, l-evoluzzjoni tal-partijiet tas-suq jew l-impatt fuq l-iskambji kummerċjali (punt 41).

113. Barra minn hekk, ladarba l-proċedura formali ta' eżami tkun inbdiet u l-partijiet interessati setgħu, f'dan il-kuntest, jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni huwa intiż, mingħajr ebda dubju, sabiex jikkontesta l-fondatezza nfisha tal-evalwazzjoni tagħha. Huwa għaldaqstant ċar li kull persuna li tixtieq tressaq rikors kontra din id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi interess partikolari u turi, fis-sens tal-kriterji ddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li l-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-suq hija affettwata b'mod sostanzjali.

b) Evalwazzjoni ta' dawn il-kawżi

114. Minkejja d-dubji invokati kontra l-ġurisprudenza ċċitata Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kkonfermat din il-ġurisprudenza fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq [53]. Din is-sentenza ngħatat sena wara li ngħatat is-sentenza appellata.

115. Kif jirriżulta b'mod partikolari, mill-punti 33 u 34 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat minn Kronofrance fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni. Infakkar li din l-impriża akkużat lill-Kummissjoni bil-ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha billi rrifjutat li tagħti bidu għall-fażi formali ta' eżami li kienet tippermettilha, bħala parti interessata, li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-għoti tal-għajnuna prevista. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant fakkret li "meta, permezz ta' rikors għal annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata wara eżami preliminari, rikorrenti tfittex li tikseb l-osservanza tal-garanziji proċedurali, previsti mill-Artikolu 88(2) KE, *is-sempliċi fatt li hija għandha l-kwalità ta' persuna interessata, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huwa biżżejjed sabiex hija tiġi kkunsidrata bħala direttament u individwalment ikkonċernata fis-sens tar-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 230 KE*" [54]. Fl-opinjoni tiegħi, din il-konklużjoni hija totalment konformi mal-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ċċitati iktar 'il fuq, Cook vs Il-Kummissjoni u kif ukoll Matra vs Il-Kummissjoni, u kkonfermata suċċessivament fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, iċċitata iktar 'il fuq.

116. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant eżaminat, fil-punti 36 sa 44 tas-sentenza kkontestata, jekk ir-rikorrenti setgħetx tiġi kkunsidrata bħala "parti interessata" fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999. Għal dan il-għan, il-qorti Komunitarja wettqet analiżi tal-pożizzjoni kompetittiva ta' Kronofrance fis-suq tal-folji tal-injam.

53 — Ara, b'mod partikolari l-punti 31 sa 37.

54 — Enfassizzati minni.

117. Skont il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx marbuta li teżamina jekk l-interessi tar-rikorrenti kinux ġew affettwati *b'mod sostanzjali*. Kien ikun biżżejjed li hija tistabbilixxi li l-pożizzjoni ta' Kronofrance fis-suq inkwistjoni *setgħet tiġi affettwata* mill-għoti tal-għajnuna previst.

118. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti, fil-punti 38 sa 44 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk analizzat il-pożizzjoni kompetittiva ta' Kronofrance fis-suq ikkonċernat. Qabel kollox, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li r-rikorrenti u l-impriża benefiċjarja huma preżenti fl-istess suq ta' prodotti, jiġifieri dak tal-manifattura tal-folji tal-injam. Imbagħad hija osservat li s-suq ġeografiku ta' riferenza huwa dak taż-ŻEE, li fuqu jinsabu u huma sovrapposti l-erjas ta' kunsinna ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ impriżi. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant ikkonkludiet, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li r-rikorrenti hija tassew kompetitriċi tal-impriża benefiċjarja tal-għajnuna u tista', għal din ir-raġuni, tikkwalifika bħala "parti interessata" fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999.

119. Fl-opinjoni tiegħi, dan l-argument jidher suffiċjenti fir-rigward tal-analiżi kompetittiva mwettqa mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cook vs Il-Kummissjoni u Matra vs Il-Kummissjoni.

120. F'dawn iċ-ċirkustanzi u fid-dawl tal-elementi preċedenti, jiena naħseb li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet ġustament li Kronofrance kienet parti interessata fis-sens tar-Regolament Nru 659/1999 u għaldaqstant kellha *locus standi* sabiex taġixxi fil-kuntest tar-rikors għal annullament imressaq kontra d-deċiżjoni kkontestata.

121. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala mhux fondat.

B — *Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-qafas multisettorjali u fuq ksur tal-Artikolu 87 KE*

122. Fl-opinjoni tiegħi, dan it-tieni aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet. Insostenn tal-ewwel parti, l-appellanti jsostnu li, fl-evalwazzjoni tal-eżami mwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-fattur relatat mal-istat tal-kompetizzjoni fis-suq, il-Qorti tal-Prim'Istanza qabżet il-limiti tal-kompetenza ġurisdizzjonali tagħha. Insostenn tat-tieni parti, l-appellanti jsostnu li, f'kull każ, din wettqet żball ta' liġi fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-qafas multisettorjali, billi ddeċidiet li dan il-fattur għandu jiġi evalwat mhux biss fir-rigward tal-kapaċitajiet strutturali tas-settur ikkunsidrat, iżda wkoll billi

jiġi eżaminat jekk l-investimenti inkwistjoni twettqux f'suq li sejjer lura.

1. L-argumenti tal-partijiet

123. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll Glunz u OSB, sostnuti mill-Kummissjoni, isostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod żbaljat tal-Artikolu 87(3) KE u l-qafas multisettorjali.

124. Il-Qorti tal-Prim'Istanza qabżet il-limiti tas-setgħa tagħha ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-interpretazzjoni tagħha tal-qafas multisettorjali u fl-evalwazzjonijiet ekonomiċi tagħha. Minħabba dan, hija injorat is-setgħa wiesgħa diskrezzjonali li għandha l-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 87(3) KE, li fil-kuntest tagħha hija adottat u applikat dan il-qafas. Il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat l-imsemmi qafas, u b'mod partikolari l-punti tiegħu 3.2, 3.4 u 3.10 tiegħu, b'mod kuntrarju għall-kliem, għassens u għall-għan tiegħu, billi kkunsidrat li l-konsegwenzi fis-suq tal-għajnuna reġjonali prevista kellhom jiġu evalwati mhux biss fid-dawl tal-użu tal-kapaċitajiet tas-settur ikkonċernat, iżda wkoll b'kunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' suq li sejjer lura. Fil-fatt, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tiegħu li l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk is-suq huwiex sejjer lura jikkostitwixxi biss kriterju sussidjarju ta' stħarriġ li għandu jiġi kkunsidrat biss meta l-informazzjoni rigward l-użu tal-kapaċitajiet mhijiex suffiċjenti. Madankollu, dan mhuwiex il-każ f'dawn il-kawżi peress li l-informazzjoni kollha fir-rigward tal-użu tal-kapaċitajiet kienet disponibbli.

125. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza affermat, fil-punti 104 sa 107 tas-sentenza appellata, li l-interpretazzjoni tagħha tal-qafas multisettorjali mhijiex kontradetta mill-prassi deċiżjonali varjabbli tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. L-appellanti kif ukoll il-Kummissjoni jirribattu li analiżi iktar dettaljata ta' din il-prassi turi li, bil-kontra, il-Kummissjoni dejjem applikat espliċitament, b'eċċezzjoni waħda biss (jiġifieri id-deċiżjoni tas-16 ta' Mejju 2000 li ma tqajjimx eċċezzjonijiet kontra l-għajnuna mogħtija lil Pirna AG [55]), il-kriterji ta' eżami fl-ordni msemmi iktar 'il fuq.

126. Fl-aħħar nett, fil-punt 108 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġġustifikat ukoll l-applikazzjoni tal-kriterju tas-suq li sejjer lura billi kkunsidrat li l-verżjoni adottata fl-2002 tal-qafas multisettorjali [56] tibbaża ruħha, fil-punt 32, fuq l-eżami tar-reċessjoni ekonomika ta' suq sabiex tiddentifika setturi f'diffikultà. Indipendement min-natura mhux rilevanti

55 — ĠU C 278, p. 26. It-test tad-deċiżjoni indirizzata lill-awtoritajiet Ġermaniżi hija disponibbli fil-lingwa oriġinali, jigifieri l-Germaniż, fis-sit http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2000/n035-00.pdf.

56 — ĠU 2002, C 70, p. 8.

tal-qafas multisettorjali tal-2002 għal interpretazzjoni tal-verżjoni preċedenti ta' dan it-test, din l-indikazzjoni mhijiex eżatta. Kull riferiment għall-kriterju ta' reċessjoni ekonomika tas-suq rilevanti ġie eliminat, fil-fatt, mit-test tal-qafas multisettorjali tal-2002, u dan qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Fil-fatt, permezz tal-komunikazzjoni tal-1 ta' Novembru 2003 fuq l-emenda tal-qafas multisettorjali għal għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment (2002) f'dak li jirrigwarda l-istabbiliment ta' lista ta' setturi għaddejin minn diffikultajiet strutturali u fuq proposta ta' miżuri utli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 88(1), tat-Trattat KE, dwar is-settur tal-vetturi bil-mutur u s-settur tal-fibri sintetiċi [57].

127. Kronofrance twieġeb li jirriżulta b'mod espliċitu mill-kliem tal-punt 3.10 tal-qafas multisettorjali li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni kompetittiva ta' suq affettwat minn proġett ta' għajnuna, il-Kummissjoni għandha dejjem tistabbilixxi jekk il-proġett jinvolvix żieda fil-kapaċità f'settur li għandu kapaċità żejda strutturali, u jekk huwa intiż għal suq li sejjer lura. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza kkontestata, dan l-element tal-aħħar għandu dejjem jiġi eżaminat peress li għajnuna f'suq li sejjer lura neċessarjament tista' twassal għal distorsjoni qawwija fil-kompetizzjoni.

57 — ĠU 2003, C 263, p. 3.

2. L-evalwazzjoni

a) Fuq l-ewwel parti tal-aggravju, ibbażata fuq ksur mill-Qorti tal-Prim'Istanza tal-limiti ta' kompetenza tagħha

128. Bil-kontra ta' dak li jsostnu l-appellanti, jiena naħseb li l-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament wettqet stħarriġ komplet fuq l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tal-metodu ta' evalwazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni fir-rigward tal-istat ta' kompetizzjoni fis-suq.

129. Huwa minnu li l-Kummissjoni għandha, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 87(3) KE, marġni wiesgħa diskrezzjonali, b'mod partikolari meta hija tadotta att li jimplika evalwazzjoni ekonomika jew soċjali kumplessa [58]. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa l-każ meta din għandha tevalwa jekk is-suq li għalih huwa intiż il-proġett ta' investiment ibati minn kapaċità żejda strutturali jew sejjer lura.

58 — Ara l-punt 79 tas-sentenza kkontestata kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-91/01, Ġabra p. I-4355, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Marzu 2003, Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni (T-228/99 u T-233/99, Ġabra p. II-435, punt 282 u l-ġurisprudenza ċċitata).

130. F'tali każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' din l-evalwazzjoni huwa ristrett. Għaldaqstant, il-qorti Komunitarja ma tistax tissotitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti minflok dik tal-Kummissjoni u ma tistax twettaq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi proprji tagħha. F'dan il-każ, l-istħarriġ tagħha huwa ristrett għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura u ta' motivazzjoni, tal-eżatezza materjali tal-fatti kif ukoll tan-nuqqas ta' żball ta' liġi, ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti jew ta' abbuż ta' poter [59].

131. Madankollu, jien ma naħsibx li dan huwa l-każ fil-kawża preżenti. Fil-fatt, fil-kuntest ta' dawn l-appelli, il-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex mitluba tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk is-suq li fih tintervjeni l-impriża benefiċjarja tal-għajnuna jippreżentax kapaċità żejda strutturali jew sejjer lura. Il-kwistjoni hija jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħetx tinterpreta l-metodoloġija li l-Kummissjoni stabbilixxiet sabiex tkun tista' titħarreġ il-kompatibbiltà tal-proġetti ta' għajnuna reġjonali għall-investiment mal-Artikolu 87 KE.

132. Minn ġurisprudenza kostanti jirriżulta li l-qorti Komunitarja teżerċita, bħala regola ġenerali, stħarriġ sħiħ meta l-kwistjoni hija jekk miżura taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE [60].

133. Dan huwa l-każ fil-kawżi preżenti. Fil-fatt, infakkar li l-qafas multisettorjali jistabbilixxi metodu li jippermetti l-kalkolu tal-intensità massima ammissibbli tal-għajnuna reġjonali għall-investiment. Kif osservat il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 102 tas-sentenza appellata, l-implementazzjoni tal-Kummissjoni ta' din il-metodoloġija tipproduċi effetti ġuridiċi vinkolanti inkwantu hija taffettwa l-ammont ta' għajnuna li tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni. Għaldaqstant, dan il-metodu ta' kalkolu għandu ċertament natura ġuridika u għandu jiġi implementat fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi. Il-kwistjoni dwar jekk il-fattur relatat mal-istat tal-kompetizzjoni għandux jiġi kkalkolat fid-dawl mhux biss tal-eżistenza ta' kapaċità żejda strutturali tas-settur, iżda wkoll l-eżistenza ta' suq li sejjer lura mhijiex parti minn evalwazzjoni ekonomika kumplessa tal-Kummissjoni, iżda għandha tiġi interpretata fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti mit-Trattat [61].

134. Jeżistu diversi eżempji ta' każijiet fejn il-qorti Komunitarja wettqet tali stħarriġ. Qed nirreferi pereżempju għas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, dwar rikors għal annullament imressaq mir-Repubblika Taljana kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat bħala mhux kompatibbli mas-suq komuni għajnuna mogħtija mill-imsemmi Stat. F'din il-kawża, ir-Repubblika Taljana sostniet b'mod partikolari li, billi rrifjutat li tawtorizza ż-żjieda tal-intensità ta' għajnuna prevista għall-benefiċċju tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju,

59 — Ara s-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata) u kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2007, Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni (T-68/03, Ġabra p. II-2911, punt 150).

60 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000, Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni (C-83/98 P, Ġabra p. I-3271, punt 25). Ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen, iċċitata iktar 'il fuq (punt 282) u kif ukoll tat-30 ta' Marzu 2000, Kish Glass vs Il-Kummissjoni (T-65/96, Ġabra p. II-1885, punt 64).

61 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Franza vs Ladbroke Racing u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 25); tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2002, HAMSA vs Il-Kummissjoni (T-152/99, Ġabra p. II-3049, punt 159) u Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 150).

il-Kummissjoni kienet kisret l-Artikoli 87 KE u 88 KE, kif ukoll il-komunikazzjoni tal-Kumissjoni dwar il-qafas Komunitarju tal-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju [62]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-imsemmi qafas fid-dawl tal-Artikolu 87 KE u l-għanijiet previsti minnu [63].

135. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jiena naħseb li l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet twettaq stħarriġ sħiħ fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-metodu ta' evalwazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni relatat mal-istat tal-kompetizzjoni fis-suq.

136. Għaldaqstant, l-opinjoni tiegħi hija li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni.

b) Fuq it-tieni parti tal-aggravju, ibbażata fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti tal-Prim'Istanza fl-interpretazzjoni tal-qafas multisettorjali

137. Issa għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħetx leġittimament tikkunsidra li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 87 KE u l-qafas multisettorjali, u tivvizzja b'dan il-mod il-proċedura ta' stħarriġ tal-għajnuna inkwistjoni, billi ma vverifikatx, fil-kuntest tal-kalkolu tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għall-istat tal-kompetizzjoni, jekk il-proġett ta' għajnuna nnotifikat kienx ser jitwettaq f'suq li sejjer lura.

138. Kif tosserva l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 89 tas-sentenza appellata, il-kliem tal-qafas multisettorjali jista' jinftiehem fis-sens allegat mill-Kummissjoni. Fil-fatt, jirriżulta mill-kliem tal-punt 3.4 tal-imsemmi qafas li l-Kummissjoni teżamina jekk l-investimenti kkunsidrati jitwettqux f'suq li sejjer lura "[j]ekk id-data fuq l-użu tal-kapaċitajiet ma tkunx suffiċjenti". F'dawn il-kawżi, jirriżulta mill-atti tal-proċess li l-Kummissjoni ddeċidiet li d-data rigward ir-rata ta' użu tal-kapaċitajiet strutturali tas-settur inkwistjoni kienet suffiċjenti għall-kalkolu tal-fattur relatat mal-istat ta' kompetizzjoni. Għaldaqstant jidher li din ma tbiegħditx mill-metodoloġija indikata fil-qafas multisettorjali.

139. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, minkejja l-kliem użat fil-punt 3.4 tal-imsemmi qafas, din id-dispożizzjoni kellha tiġi interpretata fid-dawl tal-Artikolu 87 KE. Imbagħad hija kkunsidrat, fil-punti 96 u 97 tas-sentenza appellata li d-data rigward ir-rata ta' użu tal-kapaċitajiet strutturali tas-settur u dawk relatati mal-eżistenza ta' suq li sejjer lura jikkostitwixxu żewġ kriterji ta' evalwazzjoni speċifiċi li l-Kummissjoni kellha teżamina b'mod kumulattiv.

62 — ĠU 1996, C 213, p. 4.
63 — Ara l-punti 50 sa 54.

140. Fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball ta' liġi.

141. Fil-fatt, jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti li l-adozzjoni ta' linji gwida jew ta' komunikazzjoni, li jistabbilixxu bħala informazzjoni u għal skop ta' semplifikazzjoni l-kriterji li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tapplika waqt l-eżami tal-kompatibbiltà ta' proġett ta' għajnuna mas-suq komuni ma tista' tidderoga, fl-ebda ċirkustanza, mill-Artikolu 87 KE u ma teżentax lill-Kummissjoni milli tevalwa kull kawża fid-dawl tal-kriterji stabbiliti f'din id-dispożizzjoni [64]. Infakkar li l-linji gwida għandhom biss valur indikattiv. Huma m'għandhomx valur normattiv [65]. Bħal kull att ieħor ta' leġiżlazzjoni sekondarja adottata għall-applikazzjoni tal-Artikolu 87 KE u l-Artikolu 88 KE, dawn ma jistgħux jiġu interpretati f'sens li jnaqqas il-portata tar-regoli previsti mit-Trattat jew li jmorru kontra l-għanijiet previsti minnu [66]. Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li huwa fuq il-bażi tal-Artikoli 87 KE u 88 KE li għandha tiġi evalwata l-portata tas-setgħat u tal-obbligi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat [67]. B'hekk, minkejja li l-Kummissjoni hija marbuta mill-qafas u l-komunikazzjonijiet li hija tadotta f'dan ir-rigward, dan huwa biss sa fejn dawn it-testi ma jidderogawx mill-applikazzjoni tajba tal-liġijiet tat-Trattat [68].

142. Bl-adozzjoni tal-qafas multisettorjali inkwistjoni u bl-istabbiliment b'mod partikolari ta' ammont massimu ta' għajnuna ammissibbli, il-Kummissjoni xtaqet tillimata l-effetti perversi fuq il-kompetizzjoni li setgħu jirriżultaw minn għajnuna reġjonali għall-benefiċċju ta' proġetti kbar ta' investiment, li l-limitu tagħhom huwa ogħla mill-iżvantaġġi reġjonali [69]. Id-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għall-istat tal-kompetizzjoni kellu jippermetti "ritratt" tal-istat tas-suq inkwistjoni.

143. Kif tosserva l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 102 tas-sentenza appellata, id-determinazzjoni ta' dan il-koeffiċjenti għandha għaldaqstant tirriżulta minn analiżi kemm strutturali, kif ukoll ċiklika tas-suq. Kif diġà indikajt, dan l-eżami huwa ħafna iktar importanti fid-dawl tal-fatt li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-imsemmi koeffiċjent tipproduċi effetti legali vinkolanti inkwantu tillimita l-ammont ta' għajnuna li tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni.

144. Għaldaqstant, u minkejja l-kliem tal-punt 3.4 tal-qafas multisettorjali, jiena naħseb li l-evalwazzjoni tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni fir-rigward tal-istat tal-kompetizzjoni

64 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Frar1987, Deufil vs Il-Kummissjoni (310/85, Ġabra p. 901, punt 22) kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2002, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-351/98, Ġabra p. I-8031, punt 53) u kif ukoll tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' April 1998, Vlaams Gewest vs Il-Kummissjoni (T-214/95, Ġabra p. II-717, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 — L. Senden, "Soft Law in European Community Law", Hart Publishing, Oxford and Portland Oregon, 2004.

66 — Ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punt 72).

67 — *Idem*.

68 — Ara s-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

69 — Ara l-punti 1.1 sa 1.4 tal-qafas multisettorjali.

għandha ssir mhux biss billi jiġu eżaminati l-kapaċitajiet strutturali tas-suq ikkonċernat, iżda wkoll billi jiġi analizzat jekk hemmx ir-riskju li l-investimenti ppjanati jitwettqu f'suq li sejjer lura.

145. Jiena naqbel mal-Qorti tal-Prim'Istanza li din id-data hija distinta u tirrifletti realtajiet differenti tas-suq. L-ewwel kriterju huwa bbażat fuq il-kapaċitajiet ta' produzzjoni ta' impriża jew ta' settur filwaqt li t-tieni jikkonċerna iktar id-domanda u l-konsum apparenti tal-prodotti fis-suq inkwistjoni [70]. Mhuwiex impossibli li jiġi osservat in-nuqqas ta' kapaċità żejda strutturali f'settur iżda li jiġi kkonstatat madankollu, id-deklin progressiv tad-domanda għall-prodott. Eventwalment, dan id-deklin jista' jwassal għal tnaqqis fir-rata ta' użu tal-kapaċitajiet tal-impriża jew tas-settur u konsegwentement, għal sitwazzjoni ta' kapaċità żejda strutturali. B'hekk, kif tosserva ġustament il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 99 tas-sentenza appellata, ma tistax tiġi ammessa interpretazzjoni li tgħid li l-Kummissjoni setgħet tawtorizza l-ħlas ta' għajnuna mill-Istat lil impriża li tikkumerċjalizza prodotti li huma parti minn suq li sejjer lura, mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni ta' din iċ-ċirkustanza min din l-istituzzjoni fl-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħha. Jidher b'mod ċar, kif tenfasizza ġustament il-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-investimenti mwettqa f'tali suq iwasslu għal riskji serji ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq, u dan inevitabbilment imur kontra l-għan ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni segwit mill-Artikolu 87 KE.

70 — Ara l-punti 7.7 u 7.8 tal-qafas multisettorjali, iċċitata fin-noti f'qiegħ il-paġni 17 u 18.

146. Konsegwentement, jiena nqis li l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet ġustament tikkunsidra li l-eżistenza ta' kapaċità żejda strutturali f'settur u l-eżistenza ta' suq li sejjer lura jikkostitwixxu żewġ kriterji ta' evalwazzjoni distinti li l-Kummissjoni kellha teżamina b'mod kumulattiv fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-fattur relatat mal-istat tal-kompetizzjoni fis-suq.

147. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball ta' liġi fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

148. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, jiena nqis li hemm lok, għaldaqstant, li dan it-tieni aggravju jiġu miċħud bħala mhux fondat.

C — *Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha*

149. In sostenn ta' dan it-tielet aggravju, l-appellanti jallegaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet bi ksur tal-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha rigward il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

150. Fil-fatt, l-appellanti jikkunsidraw li peress li l-aggravju bbażat fuq in-nuqqas ta' *locus standi* ta' Kronofrance tqajjem għall-ewwel darba waqt is-seduta, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tiġbor *ex officio* informazzjoni speċifika dwar iż-żoni ta' kummerċjalizzazzjoni u s-siti ta' produzzjoni tal-impriżi interessati sabiex tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tar-rikors imressaq mill-imsemmija impriża. Fl-opinjoni tagħhom, il-ġbir ta' din l-informazzjoni kien iwassal lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi li Kronofrance ma kinitx "individwalment ikkonċernata" fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Billi naqset milli tiġbor din l-informazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant ivvizzjat il-proċedura b'irregolarità.

151. Jiena naħseb, bħal Kronofrance, li dan l-ilment mhuwiex fondat.

152. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti tal-Prim'Istanza hija l-unika qorti li tista' tiddeċiedi dwar il-bżonn eventwali li tiġi kkompletata l-informazzjoni li hija għandha fid-dispożizzjoni tagħha dwar il-kawżi mressqa quddiemha. In-natura probatorja ta' dawn l-elementi taqa' taħt l-ambitu tal-evalwazzjoni sovrana tagħha tal-fatti. Skont ġurisprudenza kostanti, din l-evalwazzjoni ma taqax, għaldaqstant, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja meta din tiddeċiedi fil-kuntest ta' appell, sakemm il-partijiet ma jsostnux eżistenza ta' żnaturazzjoni tal-provi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza jew sakemm ma tirriżultax l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet ta' din il-qorti mill-atti tal-proċess [71].

71 — Ara, b'mod partikolari, id-Digriet tat-12 ta' Diċembru 2006, Autosalone Ispra vs Il-Kummissjoni (C-129/06 P, Ġabra p. I-131, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

153. L-ebda informazzjoni pprovduta fil-kuntest ta' dawn l-appelli ma twassal għall-konklużjoni li dan huwa l-każ fil-kawżi inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jien naħseb li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma tistax tiġi akkużata li ma ġabritx informazzjoni ulterjuri dwar il-pożizzjoni kompetittiva ta' Glunz u ta' Kronofrance fis-suq tal-folji tal-injam.

154. Konsegwentement, fl-opinjoni tiegħi dan it-tielet aggravju mhuwiex fondat u għandu jiġi miċħud.

D — *Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE*

155. In sostenn tar-raba' aggravju, Glunz u OSB iqisu li s-sentenza appellata tmur kontra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 230 KE peress li tmur lill'hinn mill-motivi invokati insostenn tar-rikors għal annullament magħmul minn Kronofrance.

156. Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata minħabba ksur tat-Trattat sa fejn il-Kummissjoni

ma kinitx ikkunsidrat l-eżistenza ta' suq li sejjer lura, filwaqt li dan l-ilment ma kienx ġie invokat minn Kronofrance fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha fir-rigward tal-ksur tat-Trattat, iżda biss insostenn tat-tieni motiv ibbażat fuq abbuż ta' poter.

157. B'dan il-mod, billi ma ddistingwietx ilmenti u motivi manifestament differenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet wettqet żball ta' liġi, iktar u iktar meta, skont il-ġurisprudenza, motiv ibbażat fuq il-ksur tat-Trattat ma jistax jiġi eżaminat *ex officio* mill-qorti Komunitarja [72].

158. Jiena tal-opinjoni, bħal Kronofrance, li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

159. Kif indikajt fil-kuntest tal-eżami tat-tieni aggravju, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kalkolu tal-fattur relatat mal-istat tal-kompetizzjoni fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju sħiħ. Inkwantu r-regoli stabbiliti mill-qafas multisettorjali ġew adottati permezz tal-implementazzjoni tal-Artikolu 87 KE, dawn, infakkar għandhom jiġu interpretati skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat [73]. Għaldaqstant il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament eżaminat id-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-Artikolu 87 KE.

160. Konsegwentement, fl-opinjoni tiegħi, dan l-appell għandu jiġi miċħud bħala mhux fondat.

161. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, jiena naħseb li hemm lok li jiġu miċħuda l-appelli kollha mressqa mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll minn Glunz u OSB.

VI — Fuq l-ispejjeż

162. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li fil-kawża preżenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll Glunz u OSB talbu l-kundanna ta' Kronofrance għall-ispejjez u dawn tilfu fl-appelli kollha tagħhom, hemm lok, fl-opinjoni tiegħi, li jiġu kkundannati għall-ispejjeż tal-proċeduri ta' dan l-appell.

72 — Fil-kitbiet tagħhom, Glunz u OSB jirriferu għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, iċċitata iktar 'il fuq (punt 67).

73 — Nirreferi għall-punt 141 tal-konklużjonijiet preżenti.

VII — Konklużjoni

163. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi bil-mod li ġej:

"1) L-appelli huma miċħuda.

2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll Glunz AG u OSB Deutschland GmbH huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom."